TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/229/12/S

Lilian Grech
Vs
Right Deal Limited

Illum 22 ta'Marzu,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Lilian Grechipprezentata fit-13 ta'Settembru,2012 u r-risposta tas-socjeta Right Deal Limited ipprezentata fis-6 ta'Novembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, lir-rapprezentanti taghhom u lix-xhieda mressqa, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fil-25 ta'Jannar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'fridge freezer' li kultant fiha kien jifforma xi silg kif ukoll kien jinstab ilma fuq l-oggetti ta' gewwa l-'fridge freezer', filwaqt li s-socjeta konvenuta allegat 'settjar' hazin tat-temperatura tal-'fridge freezer' u tenniet li din ma kellha ebda hsara jew difett;

Illi jinghad mal-ewwel li uzu mhux kif indikat, jista' jwassal biex oggett ma jiffunzjonax daqskemm kieku jigu segwiti l-indikazzjonijiet tal-manifattur u tal-bejjieh;

Illi l-ilment principali tal-attrici jirrigwarda silg li jifforma fil-'fridge freezer' u li ta' spiss instab ilma fuq l-oggetti ta' gewwa l-'fridge freezer';

Illi din il-'fridge freezer' baqghet tintuza' ghalkemm kien hemm l-ilmenti tal-attrici;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi mill-atti ma hemmx prova li l-'fridge freezer' kellha xi difetti latenti;

Illi l-ispjegazzjoni moghtija minn Alfred Bugeja bhala direttur manigerjali tas-socjeta konvenuta, tixhet dawl fuq x'seta' wassal ghall-ilmenti tal-attrici;

Illi skont Alfred Bugeja, s-silg jitrabba' kull darba li xi oggett jithalla jmiss mal-parti ta' wara tal-'fridge freezer' filwaqt li l-ilma fuq l-oggetti kien rizultat tal-'automatic defrost', li hi mohnija bih din il-'fridge freezer', li jdewweb is-silg li jitrabba jekk it-temperatura tinzamm mhux f'dik indikata;

Illi silg jista' jitrabba anki jekk il-'fridge freezer' tinfetah ta' spiss specjalment fi granet shan;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Lilian Grech filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Right Deal Limited, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-partijiet b'mod ugwali.

Richard Sladden Av.
Arbitru